MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2009

Avviz Numru. 173/2009

**Kunsill Lokali, Swieqi u l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Vs**

**Martin Pio Coppini**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih Martin Pio Coppini , wara li ppremetta illi fis-26 t'April 2009 waqt li l–esponenti kien rikoverat l-isptar Capua St, James, Sliema jirkupra minn operazzjoni, huwa gie mgharraf permezz ta' Avviz (Dokument A) mghoddi lilu minn huh, il-Magistrat Dottor Paul Coppini li, fis-seduta tat-30 ta' Marzu, 2009, it-Tribunal Lokali Lvant, presjedut mill-Kummissarju tal-Gustizzja Dottor Matthew Brincat, kkundannat ihallas l-ammont ta' elfejn hames mija u tnejn u sittin ewro u tletin centezmu (€2,562.30), f'liema Avviz l-esponent gie wkoll mgharraf li jekk ma jhallasx l-imsemmija somma fi zmien

xahar minn meta l-kaz jigi finalment deciz, huwa jkollu jhallas penali ta' hdax-il ewro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) flimkien mal-multa jew ammenda pagabbli;

Illi wara stharrig pjuttost laborjus minn familjari tieghu u l-avukat hawn taht iffirmat, instab li huwa gie hekk ikkundannat fl-assenza tieghu talli fil-5 ta' Novembru 2008, fl-ghaxra w kwart ta' filghodu (10:15a.m.) fi Triq is-Sirk, Swieqi, huwa naqas li jtella stekkat maqtugh u indipendenti minn kostruzzjoni ta' materjal, gholi u disinn kif stipulat fit-tieni u t-tielet Skeda ta' l-Avviz Legali 295;

Illi apparti li din l-akkuza hija assolutament infondata u li taghha mhux hati, l-esponent qatt ma gie notifkat kif imiss b'din l-akkuza kontra tieghu;

Illi ghalhekk, dejjem minghajr pregudizzju ghad-drittijiet tieghu, hemm lok li ssir ritrattazzjoni ta' dak il-kaz taht l-artikolu 11A u ta' l-Att dwar il-Kummissarji tal-Gustizzja (Kapitolu 291 tal-Ligijiet ta' Malta);

Ghaldaqstant, bid-dritt moghti lilu taht l-artikolu 11A ta' l-Att dwar il-kummissarji tal-Gustizzja (Kapitolu 291 tal-Ligijiet ta' Malta) u minghajr pregudizzju ghal kull dritt iehor tieghu partikolarment taht il-Kostituzzjoni u l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta), l-esponent umilment jitlob illi din il-Qorti joghgobha taqta' u tiddeciedi li ssir ritrattazzjoni ta' dak il-kaz migjub kontra tieghu sabiex dan jigi mismugh u deciz skond il-ligi.

Rat id-dokument anness mal-istess rikors a fol 2 tal-atti.

Rat id-digriet Taghha preliminari moghti fl-20 ta' Mejju 2009 (fol 3 ibid).

Rat ir-risposta tal-imsemmi Kunsill Lokali (fol 9 ibid) u li biha espona bir-rispett:-

Illi dan ir-rikors ghal ritrattazzjoni hu bbazat fuq l-allegazzjoni li s-Sur Martin Pio Coppini ma giex notifikat skond il-ligi;

Illi min jallega, jrid jipprova u ghalhekk Martin Pio Coppini jrid jipprova dak minnu allegat u cioe li hu ma giex notifikat skond il-ligi;

Illi n-notifiki ta’ tahrikiet tat-Tribunal Lokali hu regolat mir-Regolamenti dwar in-notifka ta’ tahrikiet tat-Tribunali Lokali (Legislazzjoni Sussidjarja 291.01);

Ili kif se jirrizulta fit-trattazjoni tal-kaz, in-notifika ta’ Martin Pio Coppini saret skond il-ligi fit-3 ta’ Jannar, 2009 u ghalhekk kien debitament notifikat ghas-seduta tat-30 ta’ Marzu, 2009 u l-Kummissarju tal-Gustizzja ghadda ghas-sentenza fl-assenza tal-istess Martin Pio Coppini;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq premessi, l-esponenti Kunsill Lokali jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talba tas-Sur Martin Pio Coppini ghal ritrattazzjoni tal-kaz tieghu.

Rat ir-risposta tal-imsemmija Awtorita’ (Fol 10 ibid) u li biha esponiet bir-rispett:-

Illi preliminarjament, l-Awtorita’ esponenti ma hijiex il-legittimu kontradittur ghal dawn il-proceduri stante li hija qatt ma hadet sehem fil-procedimenti quddiem it-Tribunal presjedut mill-Kummissarju Dr Mattew Brincat.

Illi ulterjorment u minghajr pregudizzju ghas-suepost, ir-rittrattand irid jiprova illi huwa pprezenta r-rikors promotur fil-perjodu msemmi fl-Artikolu 11A tal-Att dwar il-Kummissarji tal-Gustizzja u daqstant ghandu jipprova n-nuqqas ta’ notifika kif allegat fit-talba tieghu;

Illi finalment, l-istess decizjoni tat-Tribunal hawn fuq imsemmija hi gusta u timmerita konferma;

Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess ritrattand.

Rat l-atti kollha tal-kaz specjalment in-noti rispettivi tal-partijiet a fol 35, 43 u 46 et seq tal-istess atti.

Ikkunsidrat

Illi, permezz ta’ ‘affidavit’ sottomess minn hu r-rikorrenti, l-Magistrat Dottor Paul Coppini (fol 25 ibid) dan xehed illi, ‘… ghal dawn l-ahhar xhur’, hu personalment kien jiehu hsieb li jigbor il-posta tal-istess rikorrenti mir-residenza ta’ dan f’Ghawdex, li tinsab f’9, Triq il-Wied, Marsalforn. Ix-xhud spjega illi huh ma kien ircieva ebda korrispondaenza minghand il-Kunsill Lokali tas-Swieqi hlief avviz li bih kien gie immultat is-somma ta’ €2562.30 minhabba allegati nuqqasijiet f’xoghol ta’ bini li huh kien qed jesgwixxi fis-Swieqi. Meta sab dan l-avviz, ix-xhud kien tah lill-istess rikorrenti ghall-ahhar ta’ April 2009, waqt li huh kien rikorverat fi Sptar minhabba operazzjoni kirurgika. Illi kopja ta’ dan l-avviz tinsab annessa a fol 2 tal-atti u minnu jirrisulta illi r-rikorrenti qed jigi mgharraf illi fis-seduta ta-30 ta’ Marzu 2009 mizmuma mit-Tribunal Lokali Lvant, l-istess rikorrenti kien gie kundannat li jhallas l-ammont imsemmi u bil-konsegwenzi, f‘kaz li hu ma jhallasx dan l-ammont fiz-zmien hemm msemmi.

Illi r-rikorrenti (fol 14 et seq ibid), wara li kkonferma dak li kien xehed huh, spjega illi fuq l-istess avviz hemm il-kliem ‘re-direct to 58, Merchants Street, Valletta’ ossija l-indirizz tal-ufficju tieghu. Hu kompla billi sostna illi, qabel dan l-avviz, hu ma kien ircieva ebda avviz iehor dwar il-kaz u ‘… jiena gejt ikkundannat minghajr ma kont notifikat sabiex nidher quddiem xi Tribunal …’

In kontroesami, hu qal, in rigward l-imsemmi avviz, ta’ hlas illi dan kien indirizzat fl-istess post specifikat fit-tahrika sabiex jidher quddiem it-Tribunal. Izda, hu rega’ sahaq illi din it-tahrika ma gietx notifikata lilu. Mistoqsi dwar id-data ta’ hrug ta’ dan l-ahhar avviz, hu semma’ illi f’din id-data, hu kien jirrisjedi f’Triq is-Sikka gewwa Bahar ic-Caghaq post mikri minnu waqt li kkonferma illi, fir-Registru Elettorali, hu registrat fl-indirizz ta’ Marsalforn, flimkien ma’ zewg hutu.

Illi mart ir-rikorrenti izda separata minnu Annalise Coppini (fol 18 et seq ibid) spjegat kien kienet waslet f’idejha, t-tahrika msemmija u dan billi wara li r-rikorrenti kien ta’

diversi karti fosthom l-imsemmi avviz ghal hlas u kienet marret ghand l-Avukat difensur tar-rikorrenti, huha, hi kienet kkomunikat ma certa' Romina Libreri u din tal-ahhar, permezz ta' 'e-mail' kienet baghatetilha t-tahrika, esebita a fol 24 ibid. Pero jigi notat, dan id-dokument, kif irrilevat l-istess Qorti hu, filfatt mhux it-tahrika izda avviz ta' hlas li inhareg qabel it-tahrika waqt li Romina Libreri kienet qalet lix-xhud illi kienet ic-citazzjoni (ara ix-xhieda ta' Lydia Zammit 'infra').

Ikkunsidrat

Illi giet prodotta mill-intimati r-Registratur tal-imsemmi Tribunal, Lydia Zammit (fol 20 et seq ibid) u din esebit id-dokumenti originali rilevanti ghall-istess kaz cjoe ir-riferta tal-purtier, certu 'Johnny Cassar', li allegatament innotifika lir-rikorrenti bic-citazzjoni sabiex jidher quddiem it-Tribunal, ic-citazzjoni kif mahruga u allegatament notifikata u s-sentenza moghtija, mic-'chairman' , 'in absentia' oltre kopja mir-Registru Elettorali bl-indirizz tar-risidenza tar-rikorrenti go Ghawdex (ara fol 26 sa fol 30 ibid). Inoltre x-xhud spjegat illi notifika ta' citazzjoni ssir dejjem skond l-indirizz registrat fl-imsemmi Registru u ma jinghatax kaz ghal xi 're-direction of mail'. Inoltre hi spjegat illi issir, ukoll notifika b'pubblikazzjoni fil-gazzetta lokali imsemmija fl-istess xhieda (ara fol 32 ibid). Hi spjegat illi meta pustier jmur sabiex jaghmel notifika ta' citazzjoni lil xi persuna, f'kaz li ma jsib lill-hadd, hu jerga jmur l-ghada ghall-istess skop dejjem fl-istess indirizz u 'jekk, pero', ma' jsib lil hadd ihallilha fil-'letter box'. Inoltre f'kaz li ma jkunx hemm riferta ffirmata minn min ghandu jigi notifikat bic-citazzjoni, ssir il-pubblikazzjoni kif hawn fuq gja ssemma. L-istess xhud giet riprodotta u spjegat (a fol 22 ibid) illi d-dokument a fol 24, esebit minn Annalise Coppini hu effetivament avviz ta' tahrika li jinhareg u jintbaghat bil-posta normali qabel lil kull persuna li jaghmel kontravenzjoni. F'kaz li l-multa specifikata fuqu ma tithallasx minn din, hawnhekk tinhareg ic-citazzjoni sabiex jidher quddiem it-Tribunal.

Ikkunsidrat

Illi sintetizzati l-provi, a bazi taghhom din il-Qorti trid tkun sodisfatta u konvinta illi fuq bazi ta' probabilta, illi r-rikorrenti, filfatt, ma kienx notifkat bic-citazzjoni esebita in atti a fol 27. Effettivament, f'dan il-kaz, qed jinghad illi din in-notifika saret fl-indirizz li fih hu registrat ghal vot l-istess rikorrent billi il-pustier halla c-citazzjoni fil-kaxxa tal-ittri u permezz tal-pubblikazzjoni fil-gazzetta lokali msemmija, Dwar dan ghandu jigi rilevat is-segwenti:

1) Jidher li hu minnu illi r-rikorrenti fiz-zmien inkwistjoni ma kienx qed jirrisjedi fl-indirizz ta' Ghawdex fejn thalliet ic-citazzjoni izda hawn Malta f'Bahar ic-Caghaq.
2) Dan sar a bazi, kif di gja inghad, ta' fejn hu registat ghal vot, l-istess rikorrenti. Hawnhekk ta' minn jirrimarka illi hu ben not illi diversi persuni ma' jaffettwawx il-bdil fl-indirizz ta' residenza taghhom kif registrat fl-imsemmi Registru u b'hekk, ghal iskop ta' votazzjoni jew intenzjonalment jew b'omisjoni jibqghu registrati fl-indirizz precedenti. Minhabba hekk din il-Qorti, tara illi din ir-regola, applikata b'mod strett ma hiex affidabbli.
3) Dwar l-impustar ta' citazzjoni, dan hu wkoll metodu inaffidabbli ta' notifika minhabba dak li nghad fil-paragrafu (b) kif ukoll ghal ragunijiet ohra, per esempju f'kaz ta' safar tal-persuna involuta jew rikoveru fi sptar ta' bniedem. F'dan il-kaz, ir-rikorrenti spjega illi fil-perjodu in kwistjoni kien qed jirrisjedi, kif di gja isemma, f'post iehor Malta waqt li huh kien qed jiehu hsieb tal-posta li r-rikorrenti seta' jircievi f'Ghawdex. L-istess huh qal li ghal diversi xhur kien qed jaghmel dan u fl-ebda hin ma kien ra l-avviz ta' tahrika jew ic-citazzjoni attwali.
4) Dwar il-pubblikazzjoni fil-gazzetta lokali, l-istess Magistrat jaqra' din il-gazzetta u jekk il-memorja ma' thallihx, fil-harga tal-gimgha jkun hemm diversi pagni tal-istess gazzetta b'mijiet ta' isimijiet u indirizzi hemm imnizzlin u anke hemm, il-Qorti tara li ssibha difficli li tikkonsidra dan il-metodu bhala affidabli u bhala wiehed li jista' jistrih fuqu.

Ikkunsidrat

Illi hu minnu illi notifika ta' citazzjoni li ssir kif hawn fuq spjegat ghandha il-bazi taghha fil-ligi u regolamenti 'in materia', Pero wiehed jrid ukoll jara illi bniedem gie effettivament u filfatt notifikat bic-citazzjoni sabiex jkun jista', jekk irid, jikkontesta dak addebitat lilu. F'dan il-kaz, il-Qorti ma hiex konvinta, moralment, illi r-rikorrenti gie notifikat bic-citazzjoni. Konsegwentement, ghandu jinghata l-opportunita sabiex issir ritrattazzjoni tal-istess kaz li hu pjuttost wiehed serju meta wiehed jara illi anke f'kazijiet li gew depenalizzati, bniedem jista' jkun soggett ghal hlas ta' multa pjuttost konsiderevoli.

Ikkunsidrat

Illi, dwar il-kwistjoni tal-legittimu kontradittur, l-istess Qorti, dwar dan il-punt sollevat mill-Awtorita' imsemmija, tara li ghandha taqbel illi f'dawn il-proceduri, l-istess Awtorita' ma ghandhiex jkollha 'locus standi' peress li hi ma tiehux sehem f'proceduri quddiem it-Tribunal u l-kontradittur ghandu jkun il-Kunsill Lokali involut. Dan ghandu jigi rifless fid-decisjoni dwar l-ispejjes ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, waqt li tillibera l-Awtorita' mill-osservanza tal-Gudizzju, tilqa t-talba in esami u tordna li ssir ir-ritrattazzjoni tal-kaz migjub kontra r-rikorrenti sabiex jinstema u jigi deciz skond il-ligi.

In rigward l-ispejjes dawn ghandhom jithallsu mill-Kunsill Lokali Swieqi hlief ghal dawk tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar li ghandhom jithallsu mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------